MALTA

# QORTI CIVILI

## PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF

### ANTHONY ELLUL

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2014

Citazzjoni Numru. 1182/2000/1

**Anthony Mifsud**

**Vs**

**(1) Lino u Angele konjugi Stafrace (2) Perit Philip Azzopardi (3) Carmel Raymond Micallef f'ismu proprju[1] u ghan-nom ta' RC Construction Limited u (4) Raymond Calleja**

Fid-09 ta' Ġunju 2000 l-attur ippremetta illi:

1. *Billi l-attur kien jabita għal dawn l-aħħar sittin (60) sena fil-fond Numru 25, Cathedral Street, Sliema, flimkien ma' oħtu Rita Vella u binha Joseph Vella.*

[1] Il-qorti tordna korrezzjoni bl-istess mod kif ordnat fil-kawza 1111/2000 deciza llum.

2. *Billi fit-12 ta' April 2000, għall-ħabta tas-1:05pm, waqt li huma kienu fl-imsemmija dar ta' abitazzjoni, kien hemm kollass strutturali tal-fond, propjeta tal-imsemmija Rita Vella, liema kollass kien kawżat mix-xogħlijiet li kienu qegħdin isiru fil-fond adjaċenti 24, Cathedral Street, Sliema, propjeta tal-konvenuti Lino u Angele Stafrace.*

3. *Billi l-imsemmija xogħlijiet kienu qegħdin isiru mill-kuntrattur Raymond Micallef f' ismu proprju u għan-nom ta' R.C. Construction Limited u minn Raymond Calleja, taħt id-direzzjoni tal-Arkitett u Inġinier Ċivili Philip Azzopardi.*

4. *Billi b' riżultat ta' dan l-inċident, oħtu Rita Vella tilfet ħajjitha ftit sigħat wara, filwaqt li l-attur ħelisha mill-mewt.*

5. *Billi b' konsegwenza ta' dan l-inċident il-fond 25, Cathedral Street, Sliema, iġġarraf u jrid jinbena mill-ġdid u għalhekk l-attur sab ruħu mingħajr abitazzjoni u qed jabita band' oħra, u b' hekk qiegħed isofri danni finanzjarji.*

6. *Billi ħafna mill-affarijiet li kien hemm fid-dar intradmu u ġew distrutti jew imħassra, u l-attur tilef bosta mill-effetti personali tiegħu.*

7. *Billi dan kollu ġara minħabba negliġenza, noncuranza, imperizja u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti da parti tal-konvenuti jew min minnhom.*

8. *Billi din id-disgrazzja ġrat għaliex il-konvenuti, jew min minnhom, naqsu li jadottaw miżuri adegwati ta' prekawzjoni u ħallew is-sitwazzjoni tiddeterjora għal waħda verament ta' periklu.*

9. *Billi konsegwentament il-konvenuti, jew min minnhom, huma responsabbli skont il-liġi għad-danni kollha konsegwenzjali sofferti mill-atturi.*

10. *Billi l-konvenuti, interpellati permezz ta' Protest ippreżentat fis-27 ta' April 2000 biex jersqu għall-likwidazzjoni u ħlas tad-danni, baqgħu inadempjenti.*

L-attur talab li l-konvenuti jghidu ghaliex il-qorti m'ghandix:

1. *Tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom responsabbli għad-danni kollha sofferti mill-attur b' riżultat tal-imsemmi inċident.*

2. *Tillikwida d-danni konsegwenzjali hekk sofferti.*

3. *Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom iħallsu lill-attur id-danni hekk likwidati.*

Jirrizulta illi l-attur Anthony Mifsud miet fil-mori tal-kawża u fl-udjenza tal 25 ta' Novembru 2009 (fol. 55) id-difensur iddikjara li kien ser jiehu hsieb li ssir it-trasfuzjoni tal-gudizzju. Mill-atti jidher li din baqghet ma saritx. Madankollu l-qorti qeghda taghti s-sentenza in vista ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 810A tal-Kap. 12.

**Il-konvenuti Stafrace ressqu din id-difiza**:

1. *Illi, preliminarjament l-eċċipjenti jeċċepixxu il-'lis alibi pendens' peress illi, quddiem din il-Qorti hemm pendenti kawża dwar l-istess inċident istitwita minn diversi nies inkluż l-istess attur fl-ismijiet "Carmen Pecorella et vs Lino Stafrace et" - Ċitazzjoni Numru 1111/2000.*

2. *Illi, preliminarjament ukoll l-attur irid jipprova illi l-kollass strutturali tal-fond Numru 25, Cathedral Street, Sliema, kien kawżat mix-xogħlijiet illi kienu qed isiru fil-fond 24, Cathedral Street, Sliema. Jiġi rilevat f' dan l-istadju illi madwar l-istess fond 25, Cathedral Street, Sliema, saru diversi xogħlijiet ta' demolizzjoni u kostruzzjoni minn sidien ta' fondi oħra adjaċenti għall-istess fond Numru 25 u għalhekk l-ewwel ħaġa li jrid jiġi stabbilit huwa l-kawża tal-kollass tal-istruttura.*

3. *Illi, subordinatament u mingħajr ebda preġudizzju għall-premess, il-konvenuti Lino u Angele Stafrace jiċħdu illi l-kollass strutturali tal-fond tal-atturi seħħ minħabba negliġenza, noncuranza, imperizja u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti da parti tagħhom.*

4. *Illi, subordinatament u mingħajr preġudizzju, bħala sidien tal-fond 24, Cathedral Street, Sliema, huma nkarigaw persuni li kienu ta' ħila u ma kellhom l-ebda raġuni jifhmu illi l-persuni minnhom inkarigati għax-xogħol intrapriż fil-fond tagħhom ma kienux ta' ħila u għalhekk m' għandhom l-ebda responsabbilta għall-akkadut skont il-liġi.*

5. *Illi, subordinatament u mingħajr preġudizzju, il-konvenuti Stafrace m' għandhomx ibatu l-ispejjeż ta' din il-kawża stante li l-attur setgħa faċilment inkluda d-danni reklamati f' din il-kawża fil-kawża istitwita minnu stess kontra l-istess konvenuti fuq imsemmija (Ċitazzjoni Numru 1111/2000).*

**Il-konvenut Azzopardi ressaq din id-difiza:**

1. *Illi d-domandi attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi huwa mhux responsabbli għall-ħsarat sofferti mill-attur fl-inċident tat-12 ta' April 2000 f' Cathedral Street, Sliema u għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.*

2. *Illi huwa kien il-Perit inkarigat mix-xogħlijiet in kwistjoni skont pjanta sottomessa lill-Awtorita tal-Ippjanar.*

3. *Illi sia s-sidien u l-kuntrattur Raymond Micallef pro et noe ma mxewx mal-istess pjanta u ħaffru pedamenti ferm iktar fondi minn dak li kien ġie ndikat fl-istess pjanta mingħajr il-permess u awtorizzazzjoni tiegħu.*

4. *Illi dawn ix-xogħlijiet la kienu approvati u lanqas sanzjonati minnu u huwa ma ġiex infurmat li x-xogħlijiet inbdew u wisq inqas illi t-tħammil fil-fond adjaċenti kien tal-profondita imsemmija.*

5. *Illi barra minn hekk, huwa kien ftiehem mal-Perit Charles Cassar illi kellu jinżamm żewġ piedi u nofs skont il-liġi mill-ħajt diviżorju, ħaġa li sfortunatament ma nżammitx mill-kuntrattur ad insaputa tiegħu.*

6. *Salv eċċezzjonijiet oħra.*

**Il-konvenut Raymond Calleja ressaq din id-difiza:**

1. *Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-attur ma kienx jgħix fil-fond 25, Cathedral Street, Sliema la qabel, la waqt u lanqas wara l-mewt ta' ommu (oħtu?) Rita Vella u kwindi ma jistax ikun li huwa sofra xi danni konsistenti f' telf ta' abitazzjoni u effetti personali tiegħu.*

2. *Illi f' kull każ l-eċċipjent mhux responsabbli għad-danni stante li huwa ma kienx negliġenti u adotta l-miżuri adegwati kollha ta' prekawzjoni kif titlob l-arti u s-sengħa u kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża.*

**Il-konvenuti Anthony Mifsud u RC Construction Limited ressqu din id-difiza**:

1. *Illi fl-ewwel lok, l-eċċipjenti fil-kwalita personali tiegħu għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju stante illi huwa qatt ma jaġixxi f' tali kwalita personali fin-negozju tiegħu, iżda biss fil-kwalita tiegħu ta' Direttur tas-soċjeta R.C. Construction Limited, bħalma ilu jagħmel għal aktar minn ħmistax-il sena.*

2. *Illi fit-tieni lok, u mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talbiet attriċi fil-konfront tal-eċċipjenti nomine huma infondati fil-fatt u fid-dritt, stante illi l-eċċipjenti dejjem aġixxa skont l-arti u s-sengħa u taħt id-direzzjonijiet u istruzzjonijiet professjonali u tekniċi lilu mogħtija mill-konvenut Arkitett u Inġinier Ċivili Philip Azzopardi, inkarigat mill-konvenuti Lino u Angele Stafrace, sidien il-fond li fuqu kien qed jaħdem l-eċċipjenti.*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, mhux minnu illi l-ħwejjeġ personali tal-attur ġew distrutti fl-inċident de quo, tant illi l-istess eċċipjenti ħareġ bosta oġġetti personali appartenenti lill-istess attur mill-fond in kwistjoni, u għadu qed jimmagazzinahom sallum, oltre mill-fatt illi ma jirriżultax illi l-attur sofra xi danni attwali u reali bħala riżultat tat-tiġrif tal-fond 25, Cathedral Street, Sliema, kif jista jiġi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawża.*

4. *Illi għalhekk isegwi illi m' hemm l-ebda danni x' jiġu likwidati fil-konfront tal-eċċipjenti.*

5. *Illi jsegwi ulterjorament illi l-eċċipjenti ma għandux jiġi kkundannat illi jħallas l-ebda danni li jistgħu talvolta jiġu likwidati.*

Din il-kawza hi konnessa mal-kawzi 1111/2000, 1181/2000 u 2027/2000 li qeghdin jigu decizi llum u li nstemghu flimkien.

**<u>Kagun tal-incident.</u>**

Il-perit tekniku rrelata:

*Jirriżulta illi waqt li kienu qed isiru xogħlijiet ta' skavar fil-fond Numru 24 ta' Stafrace, ħarġu ħsarat fil-fond Numru 25 ta' Rita Vella. Jirriżulta wkoll illi dawn ix-xogħlijiet ta' skavar saru fid-distanza ta' żewġ piedi u nofs mill-ħajt diviżorju u f' fond ta' seba' filati taħt il-livell tat-triq li man-naħa tal-fond Numru 25 ta' Vella tissarraf f' sular taħt il-livell tal-art billi l-fond Numru 25 kien madwar tlett filati għola mit-triq. Dan ix-xogħol estensiv ta' skavar mal-ħajt diviżorju dgħajjef il-pedamenti tal-istess ħajt diviżorju billi meta l-ħajt diviżorju nkixef min-naħa waħda bl-iskavar, il-ħajt diviżorju beda jiffunzjona wkoll bħala ħajt ta' lqugħ (retaining wall) għall-materjal li kien hemm taħt l-art ta' Vella, liema funzjoni dan il-ħajt diviżorju ma jirriżultax li kien disinjat għaliha (minħabba li kien ħajt singlu). Għalkemm waqt it-twaqqiegħ tal-fond ta' Stafrace saru wkoll xi ħsarat fil-fond ta' Vella, jiġi rilevat illi dawn huma ħsarat li normalment iseħħu waqt it-twaqqiegħ minħabba fl-użu komuni tal-ħajt diviżorju.* ***Għalhekk l-esponent jikkonkludi illi kemm il-kollass tal-fond Numru 25 ta' Vella u kif ukoll il-ħsarat fil-fond Numru 24 ta' Psaila ġew ikkawżati riżultat ta' xogħlijiet estensivi ta' skavar fil-propjeta ta' Stafrace*** (enfazi mizjuda).

Opinjoni teknika li ma gietx meghluba b'xi provi ohra.

**Responsabbilta**.

(A) **Lino u Angele konjugi Stafrace**.

Il-konjugi Stafrace kienu s-sidien tal-fond numru 24, Cathedral Street, Sliema. Jirrizulta li Stafrace kienu nkarigaw lil RC Construction Limited sabiex twaqqa' l-fond u tibni blokk appartamenti.

Mill-provi ma jirrizultax li Stafrace taw xi struzzjonijiet lill-kuntrattur li kienu differenti minn dak li ta l-perit Azzopardi. F'dan ir-rigward jinghad li ma rrizultax li Stafrace qalu lill-kuntrattur:

- sabiex ma josservax id-distanza legali;
- sabiex jiskava iktar l-isfel minn dak li ried il-perit Azzopardi. Fis-seduta tas-17 ta' Mejju 2010 il-perit Azzopardi xehed: *"Lis-sinjuri Stafrace nafhom bhala nies mhux zviluppaturi tal-bini. Naqbel li s-Sinjuri Stafrace ma kellhomx jidhlu fid-direttivi lill-kuntrattur u li dawn kellhom isiru minni.* ***Milli naf jiena, is-Sinjuri Stafrace qatt ma taw direttivi lill-kuntratturi****"* (enfazi mizjuda, fol. 121-122). Hu veru li fis-seduta tad-9 ta' April 2010 l-istess xhud qal li meta staqsa lill-kuntrattur ghalfejn kien skava daqshekk: *"Qalli li l-ewwelnett il-materjal hu artab hafna u t-tieni s-sidien ma xtaqux daqshekk tarag biex jitilghu ghall-ground floor"* (fol. 119). Verzjoni li rega' ta meta xehed quddiem il-qorti fl-24 ta' Ottubru 2011. Dakinhar qal ukoll li hu fehem li l-kuntrattur kien ipprova jaqdi lil Stafrace *"...pero m'ghandi xejn cert"* (fol. 205). Din il-verzjoni qatt ma giet konfermata minn Micallef. Min-naha tieghu Stafrace cahad li qatt ta xi direttiva simili lill-kuntrattur. Il-perit Azzopardi stess xehed li *"Meta ippjanajna u lestejna l-pjanti Stafrace mieghi kien tkellem. Stafrace kien jaf li ser ikollu dak it-tarag fil-progett skond kif ghamilt il-pjanti jien. Stafrace qatt ma lmentali kif ghidt dwar il-mod kif kont qed nipproponi l-bini"* (fol. 205). Lanqas ma rrizulta li Stafrace qatt qal lill-perit li xtaq li l-basement ikun iktar l-isfel mill-mod kif kien jidher fil-pjanti tal-permess ta' zvilupp. Haga li kienet tfisser li l-binja ma kenitx tkun konformi mal-permess ta' zvilupp. Il-qorti tikkonkludi li a bazi tal-provi li tressqu m'hijiex konvinta li l-kuntrattur agixxa fuq ordni li tah Stafrace. Fin-nota ta' sottomissjonijiet l-atturi semmew (fol. 649) li waqt is-seduta numru 37 Carmel Raymond Micallef kien qal li **jahseb** li Stafrace kien jaf kemm gholi kien ser jinzel mil-livell tat-triq. Il-kawzi ma jigux decizi fuq dak li jahseb xhud. B'dak li qal ix-xhud ta lok ghal dubju. Il-perit Azzopardi stess xehed *"Jiena ma nafx jekk is-sidien tawx*

*struzzjonijiet lill-kuntrattur sabiex isir it-thammil iktar milli suppost skond il-pjanta. Li naf zgur li lili s-sidien ma staqsewnix biex ninzlu aktar.* ***Naqbel li l-kuntrattur qatt ma qalli li Stafrace qallu biex jinzel daqshekk, cjoe' aktar minn tlett filati****"* (enfazi mizjuda, fol. 119). Hu veru li jista' jsir argument li b'dak li ghamel il-kuntrattur, Stafrace kienu ser jeliminaw it-tarag u jaghmlu l-access ghall-hanut iktar komdu. Pero' min-naha l-ohra dan kien ser ifisser ukoll:

(a) Li l-fond ma jinbeniex skond il-permess ta' zvilupp. Ifisser li l-bini kien ser ikun irregolari. M'hemmx prova li l-perit Azzopardi qatt intalab biex japplika ghall-emenda tal-permess ta' zvilupp;
(b) Iktar spejjez ghall-konjugi Stafrace sabiex tithaffer iktar art.

Meqjus dawn il-fatturi, il-qorti ma tarax verosimili li Stafrace taw ordni lill-kuntrattur sabiex ihaffer iktar fil-fond.

L-Artikolu 1037 tal-Kodici Civili jipprovdi:

*"Kull min ghal xi xoghol jew servizz iehor iqabbad persuna mhux ta' hila, jew illi hu ma jkollux ragun jahseb li hija ta' hila, hu obbligat, ghall-hsara illi dik il-persuna, minhabba n-nuqqas ta' hila taghha, tikkaguna lil haddiehor fl-esekuzzjoni tax-xoghol jew servizz hawn fuq imsemmi."*.

Mill-provi ma rrizultax li RC Construction Limited kienet teknikament manifestament inidoneja sabiex twettaq ix-xoghol li Stafrace nkarigwaha biex taghmel.

(B) **Perit Philip Azzopardi**.

Mill-provi rrizulta kif il-perit Azzopardi ma kienx infurmat li ser jibda t-thaffir. Fil-fatt hu kien miftiehem mal-kuntrattur li jiltaqghu fis-sit. Madankollu meta l-perit Azzopardi mar fil-post kien irrizulta li kien sar thaffir. Fil-fatt irrabja meta ra x'kien sar.

Dwar id-distanza legali, Micallef xehed:

*"Dwar distanza mill-hajt divizorju d-diskors li sar kien f'kaz li jitqatta' l-blat. Blat ma tqattax"* (seduta 23 ta' Novembru 2007, fol. 556).

Quddiem il-qorti xehed:

*"Normali meta nhammlu nsibu sal-blat. Il-perit qalli biex meta nsibu l-blat inhallu l-ispazju ta' zewg peidi u nofs fuq kull naha"* (3 ta' Ottubru 2011, fol. 153).

Madankollu l-perit Azzopardi xehed li waqt li kien qiegħed jitwaqqa' l-fond numru 24, kienet fegget konsentura; *"F'dik l-istanza, l-ghada cempilli l-Perit Cassar u nfurmani li l-pedamenti kienu turbazz u li jezigi d-distanzi tas-2'6". Jiena qbilt u qatt ma kelli problema biex dan ma jsirx"* (fol. 442). Il-perit Charles Cassar, inkarigat mill-familja Vella, qal: *"Kont ghidtlu wkoll li l-klijenti tieghi kienu qed jezigu li d-distanza regolamentari taz-2'6" fl-eskavazzjoni tigi rispettata"* (fol. 426). Inoltre, l-istess xhud ikkonferma li fil-21 ta' Marzu 2000 wara li hareg mill-fond numru 25: *"…. Iltqajt mas-Sur Stafrace u l-kuntrattur li kien qed iwaqqa' u irrepetejtilhom dak li kont ghidt lill-Perit"*. Ghalhekk il-qorti ma tqiesx verosimili l-verzjoni li ta Micallef.

Micallef xehed ukoll: *"Jien zammejt mal-gholi li qalli l-Perit Azzopardi"* (fol. 155). Il-qorti ma temminix din il-verzjoni, meta tqies:

(a) Il-pjanta PA2 fol. 18, cjoe' wahda mill-pjanti tal-permess ta' zvilupp li turi x'gholi kellu jkun hemm bhala pedament.

(b) Meta mar fil-post u l-perit Azzopardi ra x'kien ghamel il-kuntrattur, irrabja. Fatt konfermat minn Micallef stess ghalkemm qal li ma jafx ghalfejn il-perit irrabja. Il-perit Azzopardi qal: *"It-Tlieta filghodu mort fil-post u sibt illi l-kuntrattur kien haffer mill-inqas seba' filati l-isfel minn wicc it-triq. Lill-kuntrattur jiena rrabjajt mieghu. Ghidtlu 'Hawn x'ghamilt ? Jien mhux tliet filati ghidtlek biex tinzel ?'"* (seduta 24 ta' Ottubru 2011, fol. 199). Il-qorti ma temminx li Micallef ma jafx ghalfejn il-perit kien irrabja. Fil-fatt Calleja xehed: *"Dakinhar jiena kont smajt lill-perit Philip Azzopardi jghid lil Micallef illi **ma sarx ix-xoghol kif miftiehem** u qallu 'Irfed illum qabel ghada'. Kien qed jirreferi ghall-hitan divizorji"* (seduta tat-3 ta' Ottubru 2011, fol. 144).

Il-perit tekniku, in eskussjoni, qal: *"Mir-ritratti li rajt jien ikkonkludejt li l-post kien **f'periklu imminenti** li jiggarraf"* (enfazi mizjuda, fol. 613). Qal ukoll li fil-fehma tieghu f'dak l-istadju ***"… ma kenitx option li jsir xi xoghol rimedjali. Kieku sar xi tentattiv f'dan is-sens min jaghmel ix-xoghol ikun qieghed f'periklu car, jista' iwassal ghall-mewt tan-nies."***. Skond l-opinjoni tal-perit tekniku li ma giet bl-ebda mod kontradetta bi provi konvincenti, il-perit Azzopardi ma kellux htija dwar il-hsara li saret lill-fond numru 25. Meta l-perit Azzopardi sar jaf li ma nzammitx id-distanza legali u ra l-gholi li thaffer, skond l-

opinjoni tal-perit tekniku is-sitwazzjoni kienet diga' kompromessa. Ghalhekk il-perit Azzopardi ma jistax jinzamm responsabbli ghad-danni li setghet sofriet l-attrici.

(C) **Carmel Raymond Micallef u RC Construction Limited**.

Jirrizulta li l-izvilupp kien qieghed isir minn RC Construction Limited. Micallef isostni li m'huwiex il-legittimu kontradittur ghaliex Stafrace kienu taw l-appalt lil RC Construction Limited. Il-qorti hi tal-fehma li Micallef ma jistax jahrab mir-responsabbilta'. Mill-atti jirrizulta li hu azzjonist maggoritarju u l-uniku direttur tal-kumpannija (ara fol. 183-184). Mill-provi hu evidenti li kienet decizjoni tieghu li ma tinzammx id-distanza legali u li jsir it-thaffir li sar. Hu evidenti li n-negozju tal-kumpannija RC Construction Limited kien bazat fuq l-esperjenza ta' Micallef, li hu stess xehed li kien ilu jahdem fl-industrija tal-bini minn eta' zghira. Il-qorti taghmel riferenza ghall-kaz Ingliz **Rainham Chemical Works Ltd (in liq) v Belvedere Fish Guaon Co. Ltd** (1921) li kien jitratta manifattura ta' splussiv li ghamel hsara fil-proprjeta' tal-girien wara spluzjoni. Zewg diretturi gew dikjarati li m'humiex responsabbli peress li ma kienux personalment ordnaw l-att li kkaguna l-hsara. Lord Bukmaster osserva:

*"If a company is formed for the express purpose of doing a wrongful act or if, when formed, **those in control expressly direct that a wrongful act be done**, the individuals as well as the company are responsible for the consequences, but there is no evidence in the present case to establish liability under either of these heads."* (enfazi tal-qorti).

Ragunament li fil-fehma tal-qorti japplika wkoll fix-xena lokali meqjus li l-Artikolu 1031 jipprovdi: *"Izda, kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu"*.

F'dan il-kuntest ukoll, f'kaz iehor Ingliz *"Koninklijke Philips Electronics NV v Prico Digital Disc GmbH the defendant director was in charge of the day-to-day running of the defendant company. It was admitted that the company imported into the UK and kept and disposed of recordable CDs of a kind that the court previously had held infringed the claimant's patent. The director had been responsible for the decision to import the infringing CDs into the UK and for the cultivation of A as a customer for those products. The director aslo made a decision to indemnify A against liability for royalties when the claimant sued A for infringement. The court concluded that the director's close involvement with the day-to-day actions of the company, and his independent authority in respect of those actions, were sufficient to render him liable as a joint tortfeasor with the company"* (*Company Law*, Brenda Hannigan, Tielet Edizzjoni, Oxford (2012) pagna 70).

Dan apparti li bhala direttur tal-kumpannija li kellu l-kontroll effettiv taghha, Micallef kellu *duty of care* li jizgura li ma ssirx hsara lill-girien. Il-kuntrattur kellu d-dmir li jizgura li l-attivita' li kienet qeghda ssir fis-sit ma tirrizultax fi hsara fil-proprjeta' tas-sidien.

Ir-responsabbilta' ta' dawn il-konvenuti tirrizulta mill-fatt li:-

i. Ma nzammitx id-distanza legali (Artikolu 439 tal-Kodici Civili).
ii. Sar thaffir iktar milli kellu. Micallef xehed: *"Id-decizjoni ta' kemm kelli ninzel kienet skond il-pjanta u nsibu l-blat"* (fol. 578). Li kieku zamm mal-pjanti ma kienx ser ihaffer gholi ta' seba' filati min-naha fejn is-sit kien jikkonfina mad-dar ta' Vella.

Micallef qal li mis-sit fejn qabel kien hemm il-fond numru 24, tnehha biss terrapien u mhux turbazz (fol. 153 u 207), u li t-turbazz kien deher wara li *"konna naddafniha u dan wara li sehh l-incident"* (fol. 153). Ukoll jekk wiehed kellu jemmen din il-verzjoni, hu evidenti li ghamel hazin fis-sens:

(a) L-istruzzjonijiet tal-perit Azzopardi kienu li trid tinzamm id-distanza legali. Sahansitra, il-perit Azzopardi qal: *"Ghall-ammont ta' thammil li ghamel, 2'6" ma kienx bizzejjed"* (fol. 479);
(b) Jekk hu veru li terrapien biss kien hemm taht il-fond numru 24, messu ma kompliex inehhi l-materjal izda sejjah lill-perit Azzopardi fuq il-post sabiex jiehu struzzjonijiet minghandu. Il-kuntrattur kien jaf li l-blat kien turbazz[2]. Ma kellu l-ebda dritt li jiehu decizjonijiet dwar x'ghandu jsir.
(c) Tant Micallef ma segwiex l-istruzzjonijiet tal-perit Azzopardi li meta fil-11 ta' April il-perit mar fil-post u ra x'kien ghamel il-kuntrattur, irrabja u qallu li ma kellux jinzel dak l-gholi kollu. Hu evidenti li l-kuntrattur ghamel fattieh. F'sit ta' kostruzzjoni hu l-perit tal-progett li jaghti l-ordnijiet u jiehu decizjonijiet ta' natura teknika, u mhux il-kuntrattur.

Il-qorti tosserva wkoll kif fil-verbal tal-access tal-perit Doublet, li sar fit-13 ta' Marzu 2001, jinghad: *"….il-fatt li l-hajt divizorju (l-imgarraf) bejn in-numru 25 u 24 kellu l-pedamenti in parti mibni fi trinka li saret fit-turbazz u li parti mill-eskavazzjoni fin-numru 24 kienet mil-livell tal-qiegh ta' din it-trinka li saret fit-turbazz u li parti mill-eskavazzjoni fin-numru 24 kienet mil-livell tal-qiegh ta' din it-trinka 'l fuq u parti l-isfel mill-istess qiegh,……"* (fol. 433). Fatti li fil-fehma tal-qorti juru li kuntrarjament dak li qal Micallef, fl-iskavar mhux terrapien biss tnehha. F'dan ir-rigward issir ukoll riferenza ghal dak li xehed Calleja: *"…. Filghodu kif wasal startjajt il-gaffa biex inkompli u harget Carmen Pecorella u qaltli biex ma nkomplix, u jien waqaft. Jiena kont bdejt innehhi s-2'6" minn mal-hajt ta' wara u dort fuq in-naha ta'*

[2] Fil-verbal ta' access li ghamel il-perit Frederick Doublet, 13 ta' Marzu 2001, jinghad: *"Gie nnotat il-kwalita' ta' blat taht il-pedamenti (turbazz)…."* (fol. 433).

*Vella u min-naha ta' Vella kont qbizt il-hajt tas-sejjieh, b'kemm ma niftakarx"* (seduta tal-4 ta' Marzu 2002, fol. 469). Jidher ghalhekk li l-kuntrattur kien kompla bix-xoghol.

(D) **Raymond Calleja**.

Dan kien il-persuna li gie nkarigat mill-kuntrattur inehhi l-materjal tal-bini u jaghmel l-skavar. Fin-nota ta' sottomissjonijiet (6 ta' Dicembru 2013) qal:

*"Calleja uza biss gaffa u ma uza l-ebda apparat iehor bhal per ezempju musmar biex iqatta' l-blat. Dan ghaliex ma kienx hemm blat imma materjal ta' kostruzzjoni. Calleja kien ftiehem li kellu jnaddaf sal-livell tat-triq"*.

Il-qorti ma taqbilx ma' dan ir-ragunament, meta tqies li:

i. Calleja ma nehhiex biss il-materja tal-bini tal-fond numru 24 li twaqqa'. Hu skava wkoll bl-uzu ta' gaffa kbira. 'Il fatt li ma ghamilx uzu minn *"musmar biex iqatta l-blat"* ma jfissirx li ma ghamilx skavar. Irrizulta kif bl-uzu ta' gaffa huwa nehha wkoll turbazz.
ii. Hu veru li Calleja obda l-ordnijiet li tah Micallef. Pero' b'daqshekk ma jfissirx li m'huwiex responsabbli. Kien Calleja li nehha l-materjal.
iii. Ix-xoghol li gie mqabbad jaghmel Calleja huwa min-natura tieghu perikoluz. Calleja kellu dmir, irrispettivament min dak li seta' qallu biex jaghmel il-kuntrattur, li josserva l-ligi u jiehu l-prekawzjonijiet. Fil-fehma tal-qorti Calleja:

    (a) mar kontra dak li jipprovdi l-Artikolu 439 tal-Kodici Civili, cjoe': *"Hadd ma jista' jhaffer fil-fond tieghu bjar, gwiebi, jew latrini, jew jaghmel thaffir iehor ghal kull hsieb li jkun, f'boghod ta' anqas minn sitta u sebghin centimetru mill-hajt divizorju"*. Hu veru li dan il-provvediment qieghed jirreferi ghas-sid tal-fond, tant hu hekk li jirreferi ghal thaffir ***"...fil-fond tieghu"***. Madankollu din id-disposizzjoni taghmilha cara li ma jistax isir thaffir f'distanza ta' inqas minn 76 centimetru. Mela ladarba Calleja ghazel li jobdi l-ordni li tah il-kuntrattur u jmur kontra dak li tghid il-ligi, irid igorr ir-responsabbilta' u jwiegeb ghad-danni li sofrew it-terzi b'rizultat tal-agir tieghu.

    (b) Fil-fehma tal-qorti thaffir hu operat perikoluz, iktar u iktar meta ghandek sit li m'huwiex kbir fid-daqs u mehud in konsiderazzjoni t-tip ta' materjal li kien hemm. Persuna li hi tas-sengha u taghmel it-tip ta' xoghol li ghamel Calleja kellha d-dmir li qabel tibda x-xoghol tara l-

pjanta tal-permess ta' zvilupp u titkellem ukoll mal-perit tal-progett sabiex tinghata struzzjonijiet dwar il-mod kif isiru x-xogholijiet. Ma jirrizultax li qabel beda x-xoghol Calleja kien tkellem mal-perit Azzopardi. Hu hadem skond ma qallu Micallef. Kif irrizulta mir-rapport tal-perit tekniku, kien b'rizultat tax-xoghol li ghamel Calleja li ggarraf parti mill-fond numru 25. Hu evidenti li Calleja ipproceda skond l-ordni li tah Micallef. Ladarba ghazel din it-triq, irid ukoll iwiegeb ghad-danni li l-agir tieghu kkawza lit-terzi. M'ghandux dritt jitlob ghal hniena ghas-semplici raguni li kien qieghed jobdi l-ordni li tah haddiehor. Kien id-dmir tieghu li qabel jibda x-xoghol jizgura li l-ordni li tah il-kuntrattur setghet titwettaq minghajr ma jipperikola lill-haddiehor.

**Likwidazzjoni ta' danni**.

Il-perit tekniku rrelata li:

**83** *L-attur qed jitlob danni minħabba n-nuqqas ta' residenza fejn kien joqgħod u kif ukoll għat-telf tal-oġġetti personali.*

***84*** *Jirriżulta illi l-attur flimkien man-neputi tiegħu Joe Vella kienu jgħixu ma' Rita Vella fil-fond Numru 25 li kkollassa. Wara li seħħ l-inċident l-attur kien alloġġjat full board għal sittax-il ġurnata sakemm irranġa fond li huwa għandu fi Gwardamanġa biex wara mar jgħix fih. L-attur preżenta prospett Dok. AM030221G li fih hemm l-ispejjeż għal din l-akkomodazzjoni u għat-tiswija tal-fond imsemmi u kif ukoll spejjeż oħra fl-ammont ta' Lm1343.74 ekwivalenti għal €3,130.07. L-esponent jikkonsidra l-valur lokatizju mensili ta' fond simili fi stat furnished għaż-żmien indikat fl-ammont ta' €700. L-esponent jaqsam dan il-valur lokatizju fl-ammont ta' €350 għall-propjetarja u €175 għal kull wieħed miż-żewġ inkwilini l-oħra. Dan l-ammont ta' €175 huwa wkoll ekwivalenti għal kirja ta' appartament one-bedroom furnished. Tenut kont il-perjodu ta' 48 xahar mid-data tal-inċident tat-12 ta' April 2000 sal-ġurnata tal-bejgħ tal-24 ta' Marzu 2004, dan il-valur lokatizju jirrapreżenta somma ta' €8,400 (€175x48). Għalhekk l-esponent jikkonsidra raġjonevoli t-talba tal-attur fir-rigward fl-ammont tlett elef, mija u tletin Euro u seba' ċenteżmi (€3,130.07).*

***85*** *Id-danni dwar l-oġġetti personali jikkonsistu f' dawk l-oġġetti ndikati fil-prospett Dok. CP031017B preżentat min-neputija tiegħu*

*Carmen Pecorella*[3] *b' riserva dwar il-video recorder billi Dok. AM030221G trattat fil-paragrafu preċedenti jinkludi għat-tiswija ta' żewġ video recorders.*

***86*** *Mill-prospett Dok. AM030221G jirriżulta wkoll li l-attur ġarr xi għamara filwaqt illi fit-tielet eċċezzjoni Micallef jgħid li qed jaħżen xi oġġetti tal-attur, għalkemm f' dan ir-rigward ma tressqux provi*.

L-ilmenti tal-attur kif spjegati fic-citazzjoni huma s-segwenti:

(a) *"Billi b'konsegwenza ta' dan l-incident il-fond 25, Cathedral Street, Sliema, iggarraf u jrid jinbena mill-gdid u ghalhekk l-attur sab ruhu minghajr abitazzjoni u qed jabita band'ohra, u b'hekk qieghed isofri danni finanzjarji"*; u

(b) *"Billi hafna mill-affarijiet li kien hemm fid-dar intradmu u gew distrutti jew imhassra, u l-attur tilef bosta mill-effetti personali tieghu"*.

Certament li l-qorti trid tiddeciedi fuq dak l-ilment tal-attur kif espress fic-citazzjoni.

L-attur kien xehed b'affidavit (ara fol. 387 tal-kawza 1111/2000) u qal:

*"Wara l-incident, jiena kont alloggajt ghal sittax (16) il-gurnata full board bil-Lm15 kuljum, bi spiza total ta' Lm240. Barra minn hekk hallast ukoll Lm55 tal-laundry. B'kollox infaqt Lm295. Matul dawn is-sittax-il gurnata, qabbadt il-haddiema jaghmluli l-manutenzjoni mehtiega f'post li hu tieghi stess li jinsab f'numru 5, Triq San Guzepp, Gwaradamangia, li kien daqsxejn zdingat. Kif tlestew ix-xogholijiet, dhalt nabita fih u ghadni noqghod fih sal-lum. Naturalment, kieku l-fond 5, Triq Guzepp, Gwardamangia ma kontx qed nokkupah jien b'necessita', jiena kont nikrih"* (21 ta' Frar 2003).

Il-qorti tosserva:

[3] Xhieda ta' Carmen Pecorella Seduta Nru 20 tas-17/10/2003.

i)L-attur ghandu jedd li jirreklama s-somma ta’ Lm240 ghal akkomadazzjoni ta’ 15 il-jum. Jirrizulta li huwa kien ighix fid-dar li fit-12 ta’ April 2000 iggarrfet, flimkien ma’ ohtu Rita Vella u n-neputi tieghu Joseph Vella. Ma rrizultax li kien ihallas xi flus lill-ohtu talli kien qieghed ighix fid-dar taghha. Ghalhekk minhabba dak li gara, dahal fi spiza ta’ **€559**. Ghalkemm hu minnu li l-attur ma pprezentax ricevuta tal-hlas, min-naha l-ohra hadd mill-konvenuti ma’ ghamillu domandi dwar dak li qal. Ghalhekk il-qorti ghandha biss il-verzjoni tal-attur li m’hijiex kontradetta. M’hemmx dubju li l-fond numru 25, Cathedral Street, Sliema ma baqax abitabbli u li ghalhekk l-attur kellu jfittex akkomadazzjoni alternattiva. Hu wkoll verosimili li sakemm dahal ighix fid-dar tieghu kellu jaghmel arrangamenti provizorji sabiex ikollu fejn ighix.

ii)L-attur ipprezenta wkoll lista ta’ spejjez li qal li ghamel fil-fond ta’ Guardamangia, qabel dahal ighix fih. Fil-fehma tal-qorti tali spejjez, jekk saru, ma kienx minhabba l-incident in kwistjoni imma ghaliex fi kliem l-attur il-fond kien “*daqsxejn zdingat”.*

iii)L-attur qal ukoll li kieku ma marx ighix fil-fond ta’ Guardamangia kien jikrih. Jidher ghalhekk li kien qieghed jippretendi xi hlas ghal telf ta’ qliegh. Madankollu fic-citazzjoni ma tissemmix xi pretensjoni f’dan ir-rigward. Inoltre, ma jirrizultax li l-fond kien qieghed jinkera qabal dahal ighix fih l-attur. Fic-cirkostanzi l-pretensjoni hi bla bazi.

iv)L-attur xehed: *"Id-dar li ggarrfet kienet taghha u jien kont noqghod fl-istess dar. L-ghamara ta’ gewwa d-dar kienet kollha taghha salv dak li se nghid: 1. L-ghamara fil-kamra tieghi, kienet tieghi; 2. Kien hemm ghamara li kienet tal-genituri taghna u li dejjem baqghet f’din id-dar”* (fol. 500 tal-kawza 1111/2000). Il-qorti qeghda *arbitrio boni viri* tillikwida s-somma ta’ elf ewro (€1,000) ghall-ghamara li Anthony Mifsud seta’ kellu u li nkisret meta ggarraf il-fond 25, Cathedral Street, Sliema.

**Spejjez gudizzjarji.**

Waqt it-trattazzjoni d-difensur tal-atturi sostna li l-atturi m’ghandhomx jaghmlu tajjeb ghal xi spejjez ta’ konvenuti li fil-konfront taghhom il-qorti tista’ ma tilqax it-talba. Il-qorti ma taqbilx. Il-qorti tifhem li l-atturi harrku lill-konvenuti ghaliex hi l-qorti li trid tiddetermina min hu responsabbli ghall-incident. Hu minnu wkoll li l-kawza saret minhabba n-negligenza ta’ haddiehor. Pero’ jibqa’ ‘l fatt li l-konvenuti tharrku mill-atturi kollha. Ghazla libera li saret

mill-atturi. Mela huma l-atturi li jridu jgorru l-piz tal-ispejjez ta' dawk il-konvenuti li ma nstabux reponsabbli ghall-incident.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi**:-

1. **Tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut perit Azzopardi u fil-konfront tieghu tichad it-talbiet. Spejjez a karigu tal-attur.**
2. **Tiddikjara li l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti Stafrace hi ezawrita ghaliex il-kawza 1111/2000 instemghet flimkien ma' din il-kawza u giet deciza llum. Spejjez a karigu tal-konvenuti Stafrace.**
3. **Tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti Stafrace bl-ispejjez kontra taghhom.**
4. **Tilqa' t-tielet eccezzjoni tal-konvenuti Stafrace u tichad it-talbiet fil-konfront taghhom. Spejjez a karigu tal-atturi.**
5. **Tichad l-eccezzjoni tal-konvenut Calleja.**
6. **Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Carmel Raymond Micallef, bl-ispejjez kontra tieghu.**
7. **Tichad il-kumplament tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Carmel Raymond Micallef.**
8. **Tilqa' t-talbiet in kwantu dawn huma ndirizzati fil-konfront tal-konvenuti Carmel Raymond Micallef, RC Construction Limited u Raymond Calleja.**
9. **Tillikwida d-danni fis-somma ta' elf hames mija u disgha u hamsin ewro (€1,559).**
10. **Tikkudanna lill-konvenuti Carmel Raymond Micallef, RC Construction Limited u Raymond Calleja sabiex solidalment[4] ihallsu s-somma likwidata mill-qorti, bl-imghax mil-lum. Spejjez, salv ghal dak li nghad hawn fuq, a karigu ta' dawn il-konvenuti**.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[4] B'applikazzjoni tal-Artikolu 1050(2) tal-Kodici Civili.